

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 112/2014

tal-4 ta' Frar 2014

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (⁽¹⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tīgħiż żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parżjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni tat-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tīgi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (⁽²⁾). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xħur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tīgi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xħur mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi fl-ġħoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti (1)	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) (2)	Raġunijiet (3)
<p>Moniter tal-kulur tat-tip tal-kristalli likwidi (LCD) b'qies dijagonali tal-iskrin ta' madwar 75 cm (30 pulzier) b'dimensjonijiet ta' madwar $71 \times 45 \times 11$-il cm bi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — riżoluzzjoni normali ta' $1\,280 \times 768$ pixels, — riżoluzzjonijiet appoġġjati ta' 640×480, 800×600, $1\,024 \times 768$ u $1\,280 \times 768$ pixels, — standards tat-televiżjoni appoġġjati: NTSC, PAL u SECAM, — modalitāt ta' vidjo appoġġata: 480i, 480p, 576i, 576p, 720p u 1 080i, — proporzjon tal-aspett ta' 15:9, — pixel pitch ta' 0,5025 mm, — ħin ta' respons ta' 25 ms, — luminożità ta' 450 cd/m^2, — proporzjon tal-kuntrast ta' 350:1, — angolu tal-wiri orizzontali u vertikali ta' 170°, — kapacitāt ta' stampa-fi-stampa (PIP), — amplifikatur tal-awdjo inkorporat, — buttuni biex tixgħel u titfi u buttuni ta' kontroll. <p>Huwa mgħammar bl-interfaċċi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — DVI-D, — D-sub żgħir, — BNC (RGB analogu) — kompost RCA jew S-Video, — komponent BNC, — 2 settijiet sterjo RCA u sterjo żgħir, — ġakkijiet tal-ispikers esterni, — RS-232 għall-input ta' kontroll. <p>Għandu stand fissa mingħajr mekkaniżmu li jdur jew li jitmejjel u huwa ppreżentat b'apparat tal-kontroll mill-bogħod.</p> <p>Il-moniter ma jinkorporax tjuner tal-vidjo jew elettronika oħra għall-ipproċessar tas-sinjal tat-televiżjoni.</p> <p>Il-moniter huwa ppreżentat għall-użu f'applikazzjoni jippejja ta' wiri ta' informazzjoni, bħal punti ta' aċċess ta' informazzjoni pubblika, sinjal ta' reklamar, skambji finanzjarji, ajruporti u esibiti fwirjiet kummerċjali. Biex iwettaq din il-funzjoni, il-moniter huwa kapaċi juri sinjal kemm minn magni tal-ipproċessar tad-dejta awtomatiċi (ADP) kif ukoll minn sorsi tal-vidjo oħrajn.</p>	8528 59 31	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mit-test tal-kodiċi NM 8528, 8528 59 u 8528 59 31.</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, bħad-daqi tal-iskrin, standards għat-tviliżjoni appoġġati u modi ta' vidjo, pixel pitch li mhix adatta għal wiri mill-qrib fit-tul, luminożità għolja, il-preżenza ta' apparat tal-kontroll mill-bogħod, ċirkwiti ta' awdjo bl-amplifikazzjoni, il-funzjoni PIP u l-istand fiss mingħajr mekkaniżmu li jdur jew li jitmejjel il-moniter mhuwiex meqjus bħala tip użat biss jew principally f'sistema ADP tal-intestatura 8471. Il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 8528 51 00 hija għaldaqstant eskużha.</p> <p>Minħabba li l-moniter huwa kapaċi juri sinjal minn magna ADP fl-livell suffiċjenti għal użu prat-tiku ma' magna ADP, huwa kkunsidrat li huwa kapaċi juri sinjal minn magni awtomatiċi tal-ipproċessar tad-dejta b'livell aċċettabbli ta' funzjonalitā.</p> <p>Il-moniter għalhekk għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8528 59 31 bħala skrin tal-pannell ċatt li kapaċi juri sinjal minn magni ta' pproċessar tad-dejta awtomatiċi b'livell aċċettabbli ta' funzjonalitā bi skrin b'teknoloġija tal-kristalli likwidi (LCD).</p>